Għażiża Presidentessa, Professoressa Falcone, għażiża Maria,

Il-maħbub ħuk, Giovanni Falcone, huwa magħruf madwar id-dinja kollha bħala simbolu tal-ġlieda kontra l-mafja, u bħala mudell għoli għal dawk kollha li jixtiequ jwettqu id-dmir tagħhom b'integrità fl-istituzzjonijiet pubbliċi.

Jibqa ukoll magħruf għad-determinazzjoni u l-kuraġġ li wera fit-twettiq tar-responsabbilitajiet tiegħu, u għall-għaqal tiegħu fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

Kif żgur inti taf, aħna waqqafna l-assoċjazjoni tagħna biex nirreaġġixxu kontra qtil mafjuż li sar Malta, dak tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, is-16 ta' Ottobru 2017.

Illum aktar minn qatt qabel, nifhmu l-isforzi eroiċi li għamel ħuk e napprezzaw il-kuraġġ u d-determinazzjoni li int, għażiża Professoressa Falcone, kellek turi biex tmexxi l-quddiem dan l-impenn importantissimu fis-soċjetà ċivili wara li ħuk nqatel, l-impenn li żżomm ħajja u twassal fid-dinja kollha il-memorja tiegħu u l-ġlieda li hu u l-kollegi tiegħu wettqu għall-ġid komuni tas-soċjetà.

Fihmna, din id-darba minħabba l-esperjenza tagħna, xi tfisser għal persuna li tkun iżolata u malfamata, u imbagħad assassinata.

Fihmna, għaliex rajna b'għajnejna stess, kif ċerti elementi tal-Istat jistgħu jiġu maħtufa minn elementi kriminali biex imbagħad jiġu mobiliżżati kontra min jaħdem – b'sagrifiċċju u riskju kbir – għal ġid komuni. Rajna x'inhuma l-konsegwenzi li jistgħu joħorgu minn dan kollu.

Huwa unur kbir għalina li f'dawn ix-xhur bnejna rabta stretta bejn Repubblika u l-Fondazione Falcone, li inti waqqaft u li tagħha int il-President. F'Mejju li għadda, jien u l-kollegi tiegħi kellna l-pjaċir li naraw aħna stess ir-rispett kbir li ħuk Giovanni igawdi fost il-poplu taljan, anke minn kliem il-President tar-Repubblika, Sergio Mattarella. Imma hija dik il-viżjoni straordinarja li tgħaqqad il-ġenerazzjonijiet, dawk aktar żgħażagħ ma dawk li għexu b'xi mod iż-żmienijiet aktar ħarxa, permezz tal-arti kontemporanea, permezz tas-sbuħija u l-qawwa poetika tax-xogħolijiet artistiċi fl-ibliet, li aħna tgħallimna mudell ġdid biex tinżamm ħajja il-memorja lilhinn mill-anniversarji. Aħna grati lejk ukoll għat-tkattir naturali ta' frott ta' tant snin ta' impenn fi proġetti fl-iskejjel ewropej. Nitolbuk tikkunsidrana sħab fl-Ewropa tal-Fondazione Falcone u lesti li nagħmlu kull m'hemm bżonn, fil-limiti tagħna, biex nkomplu nibnu pont wara l-ieħor bejn pajjiżi u memorji ċivili.

Għal dawn ir-raġunijiet, imtlejna b'entużjażmu kbir meta rajna li inti kont lesta li tipparteċipa fl-attivitajiet li organizzajna biex nikkomemoraw il-ħames anniversarju tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

B'rispett kbir lejn il-memorja ta' ħuk Giovanni u lejk, għandi l-unur ninfurmak li fuq proposta tiegħi, il Kumitat ta' Repubblika qabel li jagħtik it-titlu ta membru onorarju tal-assoċjazzjoni tagħna.

B'dan il-ġest , nixtiequ wkoll nuru l-volontà u d-disponibilità tagħna biex nikkolaboraw flimkien biex il-ġlieda kontra l-mafjiet tkompli issir ukoll fuq livell ewropew u internazzjonali, bl-aħjar strumenti u b'ħeġġa ġdida u rieda popolari.

Naqsmu il-memorja u l-impenn u nsellmulek minn qalbna.

Dott. Robert Aquilina
President